MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Numru. 97/2005

PULIZIJA
SPETTUR J J BORG
VS
ABDULSALAM SALEM BEN HAMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdulsalam Salem Ben Hamed, ta' 31 sena, bin Salem u Saida nee' Forgiani, imwieled Tripli nhar is-6 ta' Jannar 1973, li joqghod 52, Triq Manwel Vitale, Rabat Malta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 20548A, u akkuzat talli fis-7 t'Awissu 2004, ghal habta tat-tmiena u nofs ta' filghaxija, fi Triq ix-Xitwa, Mosta, ikkommetta serq ta' tlett bibien ta' vann Isuzu minn Carol's Garage, ghad-detriment ta' Nazzareno Zammit, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-hin.

U aktar talli fl-istess data, f'dawn il-gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqa' ghandu hwejjeg

misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, bit-tieni akkuza assorbita, u wara li rat l-Artikli 261, 263, 264, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artiklu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar. Din il-piena nghatat wara li l-Qorti rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, in vista tal-ammissjoni bikrija, u in vista tal-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------